FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 07 TA' MARZU, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 372/01 JB**

**Joseph Calleja**

**vs**

**Richard Matrenza**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) rappresentanti xoghol ta' tindif u restawr fuq monument antik u lapida f' cimiterju.

Minkejja li l-konvenut gie nfurmat li kellu hafna xoghol minhabba l-hsarat li kellu huwa rrifjuta li jhallas.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi l-inkarigu moghti lill-attur kien biss dak li jnaddaf l-irhama fuq il-qabar u l-monument zghir li hemm mieghu u ma kellu l-ebda inkarigu sabiex jirrestawrah.

Illi fil-fatt mhux biss sar l-ebda xoghol ta’ restawr izda ix-xoghol ta’ tindif ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Illi l-ammont orignali mitlub kien ta’ Lm304 (tlett mija u erbgha liri Maltin) li huwa wiehed eccessiv meta wiehed jikkunsidra l-ammont ta’ xoghol ta’ tindif involut u l-fatt li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Illi l-konvenut jikkunsidra li anke l-ammont mitlub f’ dan l-avviz huwa wiehed eccessiv ghall-istess ragunijiet.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra;

Illi jibda billi jinghad li dan il-kaz ma missu qatt wasal f’ dan l-istadju ghax seta’ facilment twassal ghall-konkluzzjoni accettabbli ghal kulhadd.

Illi qed jintalab gudizzju arbitio buon vivi in vista tan-natura tal-kwistjoni.

Illi b' referenza ghal decizzjoni ismijiet "Dr. Adrian Garden Co. Ltd vs Dr. David Debono" ghal gurrisprudenza hemm kontenuta.

It-Tribunal jiffissa l-ammont fis-somma ta' Lm200 (mitejn lira Maltin)

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna l-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u in vista tac-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**